MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru 1412/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Carmela German**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Carmela German ta’ 67 sena bint il-mejjet Francesco u l-mejta Maria Dolores nee Demicoli imwielda tal-Pieta’ fit-3 t’Ottubru 1940 u toqgħod Porto Palo Apartments Block A Flat 18 Triq Buġibba San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta tal-identita’ numru 682440 (M)

(a) Akkużata talli bejn Marzu 2007 u Novembru 2007 f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, b’mezzi konta l-liġi jew

billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifika foloz, jew billi nqiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wer ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapiżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarij, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn elf lira Maltija (Lm1000) għad-dannu ta' Dr Robert Sciberras MD u Dr Patricia Sciberras MD ai termini tal-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż dovuti lill-esperti mqabbdin.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 6824 tas-sena 1940, il-fedina penali tal-imputata, dok PS1 (a fol 37)u d-dokument JG a fol 69 u d-dikjarazzjoni magħmula mill-imputata li fiha esprimiet ix-xewqa tagħha li tibqa' quddiem din il-Qorti (fol 75).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

L-Ispettur Maurice Curmi xehed li kien irċieva ittra minn għand Dr Carmelo Galea f'isem Dr Robert Sciberras u DR Patricia Psaila li fiha għamel kwerela li l-imputata kienet naqset li tħallas lil dawn iż-żewġ tobba loan li kienu tawha fiż-żmien stipulat. Hija kienet qalet li kellha bżonn il-flus minħabba f'ħuha. L-imputata kienet insistiet li min kien sellifha jżomm l-iskrittura. Xi ġranet wara l-imputata tat il-flus lura.

Fl-istqarrijiet tagħha l-imputata kienet qalet li bil-flus li ssellfet, hi kienet ħallset l-ispejjeż f'kawża li ħuha kien tilef. (fol 17).

Fi stqarrija oħra, l-imputata qalet li kienu saret ħabiba ma' Dr Pat Sciberras u l-imputata talbitha tislifha xi flus. Hi kienet tathomlha xi ftit wara. Matul s-sena 2007 l-imputata darbtejn kienet talbet għall-self minn għand Dr. Patricia Sciberras u kellha ttihom lura sal-aħħar ta' Ġunju 2007. L-imputata ħasbet li kienu ser jagħlqu xi bonds iżda kienet ħadet żball. (fol 19). Sal-Ħamis ta' wara kellha ttiha l-flus lura.

Dr Patricia Sciberra spjegat kif kienet saret ħabiba mal-imputata. Hi kienet sellfitha l-flus għaliex ħu l-imputata kien tilef awża l-Qorti u ma radix turieh. L-imputata nsistiet li ssir skrittura u għalkemm kienu tawha Lm2000 l-imputata nsistiet li jitnżżlu tlitt elef. Wara ssellfet Lm1000 u riedet li fuq il-karta jitniżżel Lm5000 dejn. Meta għadda ż-żmien x-xhud kellha bżonn il-flus u tlabithom lill-imputata li bdiet iġġib ħafna skużi. Fl-aħħar ix-xhud marret għand il-Pulizija u l-imputata tatha l-flus lura f'Novembru 2007 jew xi tliet ġimgħat wara li x-xhud marret għand il-Pulizija. Mir-riċerki kien irriżulta li l-imputata ma kellha xejn.

Xehed ukoll Dr Robert Sciberras fejn qal li l-flus kienu tħallsu kollha. Huwa wkoll semma li l-imputata kienet qaltilhom li ħuha kien tilef xi kawża u li għalhekk kellha bżonn il-flus. Meta l-imputata bdiet iġġib ħafna skużi, marru għand il-Pulizija.

Xehed Jason Sultana, deputat reġistratur tal-Qorti li qal li fir-rigward ta' Carmela German ma kienx hemm mandati. Fil-konfront ta' ċertu Joseph Dalmas, kien hemm xi kawżi pendenti. (fol 51).

Fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2009 inqraw l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Skond il-każistika Maltija:

'Fil-liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta'

ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenzi qligħ għall-aġent (Il-Pulizija vs Emanuel Ellul, App Krim 20/06/97; ara wkoll Il-Pulizija v Daniel Frendo App Krim 25/3/94) Dan it-tlef ħfna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, propju għax ġiet ingannata, volontarjament tagħti xi ħaġa lill-aġent (Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis App.Krim 12/12/59 Vol XLIII.IV.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi - dak li d-dottrina ssejjaħ 'mise en scene' – ikun hemm it-truffa; jekk le jkun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara fost l-oħrajn Il-Pulizija v Carmelo Cassar PArnis App Krim 31/10/59 Vol XLIII.IV. 1137; Il-Pulizija vs Francesca Caruana App.Krim 25/07/53 Vol XXXVII.IV.1127; ara wkoll Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer App Krim 3/3/56).' (Ara Il-Pulizija versus Willoughby 12 ta' Frar 1999).

'Dwar il-gidba sempliċi din ukoll tista' tammonta għar-reat ta' frodi innominata basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għall-qerq, cioe' tkun intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwent arrikkiment għal min jgħid il-gidba.' (Ara Il-Pulizija vs Carmela German App 130/03 30 ta' Diċembru , 2004).

Wara li wieħed jifli din il-każistika, wieħed jara kemm il-prinċipji stabbiliti jgħoddu għall-fatti odjerni.

Mix-xhieda huwa kkonfermat li l-imputat ssellfet flus minħabba li kien tilef xi kawża u kellha bżonn il-flus biex tħallas beix ma tinkwetahx. Mir-records tal-Qorti jidher li kien hemm xi kawżi kontra Joseph Dalmas li jiġi ħu l-imputata. Għalhekk meta sar is-self ma jistax wieħed jgħid li l-imputata vvintat gidba. Hawn wieħed irid jiddistingwi bejn dan il-każ u l-każ li kellha qabel l-imputata.

Li ġara kien li ma rnexxilhiex iżżomm maż-żmien biex tħallas dak li kienet irċeviet. Hawnhekk l-imputata setgħet gidbet meta qalet li kienet sejra trodd il-flus u ma marritx. Dwar jekk kellhiex flus f'bonds jew le, ir-riċerki mir-

Reġistru Pubbliku mhux prova għax dawn huma biss record ta' transfers and liabilities ta' immobbli biss u mhux ta' kemm wieħed għandu flus fil-banek jew fil-Borża.

Hemm differenza bejn li wieħed jivvinta biex jieħu loan u jigdeb meta jkun qed jintalab biex iħallas. Ir-raġġir huwa marbut mal-mument tal-akkwist tal-flus u mhux mal-iskużi ivvintati wara għax wieħed ma jkollux flus għad-dispożizzjoni tiegħu.

Mill-provi prodotti ma jidhirx li l-Prosekuzzjoni ġabet provi biex tipprova li l-imputata għamlet xi raġġir biex tieħu l-loan.

Il-fatt li l-imputata ma żammitx mat-terminu tal-ħlas lura huwa każ purament ċivili u mhux ta' indoli kriminali.

Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputata mll-imputazzjoni dedotta kontriha.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 308, 310(1)(a), 18, 309, 310(1)(a), 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9[1] qed tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni dedotta kontriha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] L-artikoli mogħtija mill-Avukat Ġenerali a fol 76